**166. L-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Din il-Kamra;

Konvinta illi l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali hija manifestazzjoni ta’ ċiviltà u ta’ libertà;

Illi Malta ġa aderiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali; però ma irrikonoxietx id-dritt tal-petizzjoni individwali skont l-artiklu 25 tal-istess Konvenzjoni u l-ġurisdizzjoni obbligatorja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Peress li din il-Kamra tara fir-rikonoxximent tal-petizzjoni individwali u tal-ġurisdizzjoni obbligatorja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ħarsien iktar sħiħ ta’ kull Malti f’demokrazija;

Għalhekk tirrisolvi billi ssejjaħ lill-Gvern biex minnufih jirrikonoxxi d-dritt tal-petizzjoni individwali skont l-Artiklu 25 tal-konvenzjoni u tal-ġurisdizzjoni obbligatorja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**04.07.1984**